# Manwal ta' Użu - Appell kontra Deċiżjoni tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

Dan il-manwal ġie mfassal mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sabiex jgħinek timla applikazzjoni onlajn sabiex Tappella kontra Deċiżjoni tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali b'mod korrett u komplet.

Nota: Dan il-manwal ġie miktub għal skop ta' informazzjoni u m'għandux saħħa legali.

## Għal aktar informazzjoni


Segretarju tal-Arbitru
Uffiċċju tal-Arbitru
Blokk Ċ, Belt is-Sebħ
Il-Furjana, FRN 1700

(+356) 2590 3891
(+356) 2590 3892

umpire.mfcs@gov.mt

www.socialsecurity.gov.mt


L-Uffiċċju tal-Arbirtru jużа l-informazzjoni provduta sabiex jipproċessa l-applikazzjoni. Nistgħu niċċekjaw l-informazzjoni provduta minnek jew informazzjoni dwarek provduta minn terzi persuni ma' informazzjoni oħra miżmuma għandna. L-Uffiċċju Tal-Arbitru marbut li ma jikxifx informazzjoni dwarek lil persuni jew organizzazzjonijiet barra mill-Uffiċċju tal-Arbirtru sakemm dan ma jkunx permess mil-liġi. L-Uffiċċju tal-Arbitru jittratta l-informazzjoni personali tiegħek skont l-Att tal-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap. 440.) sabiex jipproteġi l-privatezza tiegħek.

**Noti:**

- Wara li tiġi sottomessa applikazzjoni onlajn, id-Dipartment tas-Sigurtà Soċjali jista' jkun jeħtieġ numru ta' ġimgħat sabiex jipproċessa l-applikazzjoni għal deċiżjoni finali mill-Arbitru, peress li l-każijiet ikunu valutati fuq bażi individwali u skont id-diffikult a' tal-każ

- Il-ħin approssimattiv biex timla l-applikazzjoni onljan huwa ta' bejn 10 – 15-il minuta

- L-applikazzjonijiet onlajn kollha tal-Gvern huma soġġetti għal monitoraġġ u valutazzjoni mill-*Better Regulation Unit* (BRU) fi ħdan l-OPM, biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' Regolamentazzjoni Aħjar fis-Settur Pubbliku

# Taqsimiet

L-Iskop tal-Applikazzjoni ..... 4

L-Istadji tal-Applikazzjoni ..... 4

Il-Mili tal-Applikazzjoni u Noti Ġenerali ..... 4

1 Dettalji Personali ..... 5

2 Annessi ..... 6

3 Issottometti ..... 7

## L-Iskop tal-Applikazzjoni

Din il-formola elettronika tista' tintuża sabiex isir appell kontra deċiżjoni meħuda mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Appell jista' jsir kontra kull deċiżjoni ħlief għal dawk id-deċiżjonijiet li jittieħdu minn Bord Mediku. Madanakollu, wieħed jista' jappella kontra deċiżjoniet dwar Pensjoni tal-Invalidità, minkejja li dawn jittieħdu minn Bord Mediku.

L-appelli jridu jaslu fl-Uffiċċju tal-Arbitru fi żmien tletin (30) ġurnata minn meta toħroġ id-deċiżjoni mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Il-formola elettronika tista' timtela' jew mill-individwu nnifsu jew minn rappreżentant tiegħu.

## L-Istadji tal-Applikazzjoni

L-applikazzjoni għas-sottomissjoni tal-Appell tgħaddi minn dawn l-istadji:

1. Il-mili u s-sottomissjoni tal-applikazzjoni mill-applikant: Hawnhekk, l-applikant jimla l-applikazzjoni bid-dettalji rikjesti u jissottometti l-applikazzjoni lill-Uffiċċju tal-Arbitru.
2. L-ipproċessar tal-applikazzjoni: L-uffiċjali tal-Uffiċċju tal-Arbirtru jiċċekjaw l-applikazzjoni biex jikkonfermaw li l-informazzjoni ġiet ipprovduta b'mod sħiħ u korrett. Jekk dan ma jkunx il-każ, l-Uffiċċju jista' jkollu bżonn jitolbok informazzjoni addizzjonali.

## Il-Mili tal-Applikazzjoni u Noti Ġenerali

M'għandek bżonn ta' l-ebda kont tal-utent sabiex tkun tista tissottometti appell mal-Uffiċċju tal-Arbitru permezz ta' din il-formola elettronika. Il-formola tikkonsisti f'dawn l-oqsma.

1. Dettalji Personali
2. Annessi
3. Issottometti

Kull qasam tal-applikazzjoni jinsab f'paġna għalih. Int tista' tipproċedi minn paġna għal oħra billi tuża l-lista tal-għażla fin-naħa ta' fuq. Tista' wkoll tagħmel użu mill-buttuni 'TA' QABEL' u 'LI JMISS' biex tmur fil-paġna ta' qabel jew ta' wara rispettivament. Importanti li ma tużax il-buttuni tan-navigazzjoni tal-brawser sabiex ma titlifx l-informazzjoni li tkun daħħalt fl-applikazzjoni.




***Il-lista tal-għażla (fuq) u l-buttuni (isfel) li bihom tmur għall-paġna ta' qabel jew ta' wara***

Tajjeb ukoll tinnota li int ma tistax tipproċedi minn parti għal oħra fl-applikazzjoni sakemm ma tkunx daħħalt l-informazzjoni kollha fil-parti li tkun fiha, li tkun immarkata bħala mandatorja, jew inkella jekk tkun daħħalt informazzjoni li ma tkunx fil-format rikjest. F'każ li

tipprova tagħmel dan, tidher kaxxa ta' djalogu li tinfurmak bl-iżbalji li jkunu saru jew bl-informazzjoni nieqsa.




***Kaxxa ta' djalogu b'messaġġ ta' format invalidu u b'messaġġ ieħor ta' informazzjoni nieqsa***

Jekk għal xi raġuni, tkun trid taqbeż minn parti għal oħra tal-applikazzjoni qabel ma tkun imlejt il-kontenut kollu u kif suppost, għandek tikklikkja fuq il-kaxxa ż-żgħira 'Terġax twissini' u mbagħad tkompli billi tikklikkja fuq il-buttuna s-sewda 'OK'. Wara li tagħmel dan, int tkun tista' taqleb minn parti għal oħra mingħajr ebda restrizzjoni.

## Paġna nru 1: Dettalji Personali

1

Din il-formola hija maqsuma f'2 sezzjonijiet:

1. Id-Dettalji tal-Applikant
2. Id-Dettalji tal-Appell

Is-sezzjoni tad-Dettalji tal-Applikant hija maqsuma f'żewġ partijiet. L-ewwel parti tieħu d-dettalji personali u tal-kuntatt tal-persuna affetwata bid-deċiżjoni (L-Applikant) filwaqt li t-tieni parti tieħu d-dettalji tal-persuna li qed tissottometti l-appell f'isem l-applikant (L-Appellant). F'każ li inti tkun kemm l-applikant kif ukoll l-appellant, ikun jeħtieġlek biss li ddaħħal id-dettalji fl-ewwel parti imbagħad id-dettalji tiegħek jiġu awtomatikament ikkupjati hekk kif tittikkja l-buttuna "F'ismi".

Fis-sezzjoni tad-Dettalji tal-Applikant, jeħtieġ li ddaħħal l-Isem, il-Kunjom u n-Numru tal-Identità tiegħek fil-kaxxi ta' fuq. Dawn it-tliet oqsma huma kollha mandatorji. Trid ukoll iddaħħal l-indirizz tiegħek billi tikteb in-Numru tad-Dar u/jew l-Isem tad-Dar segwit bl-Isem tat-Triq u l-Kodiċi Postali fil-kaxxi rispettivi. Indika il-Pajjiż u r-Raħal billi tagħżel mil-listi tal-għażla. Finalment, daħħal in-Numru tat-Telefon, in-Numru tal-Mowbajl u l-Indirizz tal-Imejl.


**Dettalji tal-Applikant:**

Isem tal-Applikant * Joe
Kunjom tal-Applikant * Borg
Nru tal-Identita tal-Applikant * 13459M
Nru tad-Dar tal-Applikant + 5
Isem tad-Dar tal-Applikant +
Isem it-Triq tal-Applikant * Triq il-Kbira
Kodiċi Postali tal-Applikant * MST 1234
Pajjiż tal-Applikant * Malta
Belt / Raħal tal-Applikant * MOSTA [IL-MOSTA]
Nru tat-Telefon tal-Applikant * 21234567
Nru tal-Mowbajl tal-Applikant * 79123456
Indirizz Elettroniku tal-Applikant * JOE.BORG13459@GMAIL.COM
Tip ta' Applikazzjoni *
F'ismi (dettalji t'hawn fuq) F'isem ħaddieħor (dettalji t'hawn isfel)
Isem tal-Appellant * Joe
Kunjom tal-Appellant * Borg
Nru tal-Identita tal-Appellant * 13459M
Nru tad-Dar tal-Appellant + 5
Isem tad-Dar tal-Appellant +
Isem it-Triq tal-Appellant * Triq il-Kbira
Kodiċi Postali tal-Appellant * MST 1234
Pajjiż tal-Appellant * Malta
Belt / Raħal tal-Applikant * MOSTA [IL-MOSTA]
Nru tat-Telefon tal-Appellant * 21234567
Nru tal-Mowbajl tal-Appellant * 79123456
Indirizz Elettroniku tal-Appellant JOE.BORG13459@GMAIL.COM
Immarka din il-kaxxa biex tikkonferma li d-dettalji kollha f'din il-formola huma korretti.

***Id-Dettalji tal-Applikant***

Kif spjegat qabel, jekk qed tissottometti l-applikazzjoni fuq ismek, jeħtieġ li tittikkja il-buttuna "F'Ismi"sabiex id-dettalji personali u tal-kuntatt tiegħek jiġu kkupjati. Jekk dan mhux il-każ, ittikja l-buttuna l-oħra "F'isem ħaddiehor" u rrepeti l-proċess kif spjegat hawn fuq, din id-darba bid-dettalji tal-appellant.

Qabel tipproċedi għas-sezzjoni li jmiss, jeħtieġlek tittikkja il-butuna fuq in-naħa ta' isfel tal-paġna. Dan tagħmlu biex tikkonferma li d-dettalji kollha li daħħalt f'din il-paġna huma korretti.


**Dettalji tal-Appell:**

Data ta' meta nħarġet l-ittra mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali li dwarha qed issir appell * 02/05/2016
Benefiċċju tas-Sigurtà Soċjali * INJURY BENEFIT
Ġustifikazzjoni għal Appell **JEW** ehmeż l-ittra tal-Appell fil-paġna tal-"Annessi"
Jekk jogħġbok irreferi għall-ittra mehmuża mal-lista tad-dokumenti.

***Sezzjoni 2: Id-dettalji tal-Appell***

Fis-sezzjoni tad-dettalji tal-appell, jeħtieġ li tipprovdi dettalji dwar id-deċiżjoni li trid tappella kif ukoll il-ġustifikazzjoni għall-appell. Ibda billi ddaħħal id-Data ta' meta nħarġet l-ittra mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali li dwarha qed issir appell. Din tista' tiddaħħal billi tuża t-tastiera jew inkella billi tuża l-kalendarju li jidher malli taċċessa l-kaxxa. F'każ li se tuża l-kalendarju, agħżel is-sena min-naħa ta' fuq tal-kalendarju, kompli billi tagħżel ix-xahar permezz tal-vleġeġ fuq in-naħa ta' fuq u fl-aħħarnett agħżel il-ġurnata billi tikklikkja fuq in-numru applikabbli. Kompli billi tindika il-Benefiċċju tas-Sigurtà Soċjali involut billi tagħżel mill-benefiċċji fil-lista tal-għażla. Finalment ipprovdi l-Ġustifikazzjoni għal Appell billi tikteb fl-ispazju provdut. Il-Ġustifikazzjoni m'hijiex mandatorja iżda jekk ma tikteb xejn, ikollok ttella' l-ittra tal-appell fil-paġna li jmiss.

## Paġna nru 2: Annessi

F'din is-sezzjoni, wieħed jista' jtella' l-annessi rikjesti mid-Uffiċċju tal-Arbitru. Dawn jgħinu lill-Uffiċċju billi jipprovdu informazzjoni u permezz tagħhom, dan ikun jista' jivverifika li l-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni hija tabilħaqq valida.

Il-paġna turik il-lista kollha tal-annessi. Dawn mhux neċessarjament japplikaw kollha għall-applikazzjoni tiegħek. Il-lista tal-annessi hija din:

| Isem tal-Anness | Meta Applikabbli |
|---|---|
| Ittra maħruġa mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Dejjem |
| Informazzjoni rilevanti / dokumenti oħra / Ġustifikazzjoni tal-Appell | Jekk tippreferi li tinkludi l-ġustifikazzjoni tal-appell bħala dokument u/jew għandek informazzjoni relevanti oħra. |

Sabiex ittella' fajl, ikklikkja fuq il-link b'kulur ikħal li jġib l-isem tal-anness applikabbli. Malli tagħmel dan, tidher kaxxa ta' djalogu. Agħfas il-buttuna 'Browse' u sib il-fajl li trid tapplowdja permezz tal-kaxxa ta' djalogu li titla' hekk kif tikklikkja l-buttuna. Malli ssib il-fajl, ikklikkja darbtejn fuqu (jew inkella kklikkja darba fuq il-fajl u imbagħad ikklikkja fuq il-buttuna 'Open'). Jekk trid tista' tinforma lid-Dipartiment b'kwalunkwe dettalji dwar il-fajl billi tikteb fil-kaxxa msejħa 'Dettalji'. Agħfas fuq il-buttuna 'EHMEŻ' sabiex tapplowdja l-fajl. Malli tagħmel dan, titla' kaxxa ta' djalogu li tikkonfermalek li l-fajl ġie mtella'. Agħfas fuq il-buttuna 'OK' sabiex tirritorna fil-paġna tal-anness fejn għandek tara l-fajl imniżżel fil-lista tad-dokumenti mehmuża. Tista' jekk trid ittella' fajl ieħor fl-istess paġna billi tirrepeti l-proċess.




*Il-Kaxxa ta' Djalogu li permezz tagħha tista' tapplowdja l-ittra maħruġa mid-DSS*

Biex ittella' fajl ieħor f'paġna ta' anness differenti, jew inkella biex tmur lura fil-paġna li tinkludi l-lista tal-annessi, ikklikkja fuq il-buttuna 'Mur Lura fl-Annessi' fin-naħa ta' fuq tal-paġna. Dan il-proċess jeħtieġ tirrepetih għal kull anness li tkun trid tapplowdja.

Jekk tkun trid tara dokument li tellajt, mill-paġna tal-anness applikabbli, agħfas fuq il-link il-blu tad-dokument fil-lista tad-dokument biex tiftaħ id-dokument.

Jekk trid tneħħi dokument, mill-istess paġna, ikklikkja fuq il-kaxxa (☐) maġenb il-link biex din tiġi mmarkata bl-iswed (☑) u kompli billi tikklikkja fuq il-link il-blu "Ħassar id-dokumenti magħżula". Malli tagħmel dan, titla' kaxxa ta' djalogu fejn tiġi mitlub jekk tridx tikkonferma t-tħassir tad-dokument magħżul. Agħfas fuq il-buttuna 'OK' sabiex tikkonferma jew inkella l-buttuna 'IKKANĊELLA' biex ma tħassarx. Malli tikklikkja fuq 'OK', titla' kaxxa ta' djalogu li tikkonferma li d-dokument tħassar. Agħfas fuq il-buttuna 'OK' biex tirritorna lura fil-paġna tal-annessi.

Ladarba tkun tellajt id-dokumenti kollha, mill-paġna tal-annessi, ikklikkja fuq il-buttuna 'AGĦLAQ' sabiex tkompli għas-sezzjoni li jmiss.

## Paġna nru 3: Issottometti

3

F'dan l-aħħar stadju tal-applikazzjoni, int tista' tissottometti l-applikazzjoni tiegħek. Dan tagħmlu billi tikklikkja l-buttuna l-ħadra bil-kelma 'IBGĦAT'. Wara li tikklikkja din il-buttuna, sakemm ma jkunx hemm affarijiet mandatorji neqsin, għandek tara messaġġ li jikkonfermalek li l-applikazzjoni intbagħtet.




*Il-buttuna l-ħadra li biha tissottometti l-applikazzjoni*

Tista' wkoll tirtira l-applikazzjoni tiegħek billi tikklikkja fuq il-buttuna l-ħamra bil-kelma 'IRTIRA'. Meta tagħmel dan, titla' kaxxa ta' djalogu li titolbok tikkonferma l-għażla tiegħek. Biex tikkonferma l-irtirar tal-applikazzjoni, ikklikkja fuq il-buttuna tax-xellug ('IRTIRA'). Biex terġa' lura għall-applikazzjoni mingħajr ma tirtiraha, ikklikkja fuq il-buttuna tal-lemin ('IKKANĊELLA').




*Il-buttuna l-ħamra li biha tirtira l-applikazzjoni*

Peress li l-applikazzjoni onlajn sabiex tissottometti appell kontra deċiżjoni tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ssir mingħajr il-bżonn ta' kont tal-utent, il-buttuna 'SALVA' tkun mitfija. Dan ifisser li ma tkunx tista' tissejvja l-applikazzjoni għal sottomissjoni fil-futur.